KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 26

**It-Tnejn 15 ta' Gunju 2026**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella – Kunsillier
Anton Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Len Abela Vassallo – Viċi Sindku**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 26.1 Qari tal-Apoloġiji

26.1.1 Is-SE informa li l-Viċi Sindku Len Abela Vassallo talab sabiex ikun skuzat.

### 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 26 li kienu meqjusa moqrija.

26.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 26.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

26.3.1 Is-Sindku spjega li matul dan il-perjodu tressqu numru ta' applikazzjonijiet għal diversi skemi ta' finanzjament, bil-għan li l-Kunsill Lokali jkompli jtejjeb is-servizzi u jwettaq proġetti li jġibu benefiċċju dirett lir-residenti u lill-komunità. Huwa saħaq li dawn l-applikazzjonijiet juru l-impenn tal-Kunsill biex ifittex opportunitajiet ta' finanzjament estern, sabiex ikunu jistgħu jitwettqu inizjattivi u investimenti mingħajr ma jiżdied il-piż finanzjarju fuq il-baġit tal-Kunsill.

26.3.2 Is-Sindku spjega wkoll li ntbagħtet l-ittra ta' tweġiba lill-awdituri, li permezz tagħha ġew indirizzati l-punti mqajma u ngħataw il-kjarifiki meħtieġa skont il-proċeduri stabbiliti.

### 26.4 BBQ

26.4.1 Is-Sindku ppropona l-organizzazzjoni ta' BBQ b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, li matulu ser issir wirja ta' karozzi Amerikani kif ukoll jiġi pprovdut divertiment għall-pubbliku. Ġie propost li din l-attività ssir fil-Pjazza tal-Imtarfa nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju.

Wara diskussjoni qasira, il-membri tal-Kunsill qablu unanimament mal-proposta u approvaw l-organizzazzjoni tal-attività kif ippreżentata mis-Sindku.

## 26.5 Adopt a tree

26.5.1 Is-Sindku ppropona t-tnedija ta' kampanja bl-isem "**Adopt a Tree**", li permezz tagħha persuni interessati jkollhom l-opportunità jadottaw siġra permezz ta' donazzjoni. Huwa spjega li l-għan ta' din l-inizjattiva huwa li tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tal-komunità fit-tħawwil u l-manutenzjoni tas-siġar, filwaqt li tkompli tissaħħaħ il-kuxjenza ambjentali u jiġu ġġenerati fondi biex isostnu inizjattivi ta' tisbiħ u sostenibbiltà.

Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qablu unanimament mal-proposta u approvaw it-tnedija tal-kampanja.

## 26.6 Hlas tal-Van tal-Haddiema

26.6.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li s-sid tal-vann li bħalissa qed jintuża għall-ħtiġijiet operattivi tal-Kunsill talab reviżjoni fil-kera sabiex il-vettura tibqa' tintuża mill-Kunsill. Wara li ġiet diskussa t-talba u kkunsidrati l-ħtiġijiet operattivi tal-Kunsill, il-membri qablu unanimament li l-ħlas jiżdied b'€10 fix-xahar, filwaqt li jibqgħu fis-seħħ il-kundizzjonijiet l-oħra kollha tal-ftehim eżistenti.

## 26.7 Galea Curmi Engineering

26.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li, wara laqgħa li kellu mar-rappreżentanti ta' Galea Engineering, ingħata l-kjarifiki meħtieġa dwar il-kwistjonijiet pendenti relatati mal-kontijiet inkwistjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kjarifiki u peress li s-sitwazzjoni ġiet iċċarata, huwa informa lill-Kunsill li ser jawtorizza l-ipproċessar u l-ħlas tal-fatturi pendenti, skont il-proċeduri stabbiliti.

## 26.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

26.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 26/2026), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Vella propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 26.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

26.9.1 Il-laqgħa ntemmet fid-7:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2026

Dale Hayman
Sindku

Shawn Tanti
Aġent Segretarju Eżekuttiv